



Brussell, 12 ta' Marzu 2018
(OR. en)

7052/18

FIN 225
FSTR 9
FC 9
REGIO 12
SOC 136
CADREFIN 18

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Marzu 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6678/18	FIN 180 FSTR 6 FC 6 REGIO 9 SOC 110 CADREFIN 15
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 15/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-kundizzjonalitajiet ex ante u r-riżerva ta' prestazzjoni fil-qasam ta' Koeżjoni: strumenti innovattivi iżda għadhom mhumiex effettivi" - Konklużjonijiet tal-Kunsill [12 ta' Marzu 2018]

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-kundizzjonalitajiet ex ante u r-riżerva ta' prestazzjoni fil-qasam ta' Koeżjoni: strumenti innovattivi iżda għadhom mhumiex effettivi", adottati mill-Kunsill fit-3604 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Marzu 2018.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2017
mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-kundizzjonalitajiet ex ante u r-riżerva ta'
prestazzjoni fil-qasam ta' Koeżjoni: strumenti innovattivi iżda għadhom mhumiex effettivi"**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 15/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport;
- (2) JIEĦU NOTA li r-Rapport ikopri l-perijodu minn Diċembru 2013 sa Frar 2017;
- (3) JIEĦU NOTA tas-sejbiet ewlenin tar-Rapport, b'mod partikolari li:
 - a) Kundizzjonalitajiet ex ante
 - Kundizzjonalitajiet ex ante pprovde qafas konsistenti għall-valutazzjoni ta' kemm l-Istati Membri jinsabu lesti biex jimplimentaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSI) fil-bidu tal-perijodu ta' pprogrammar 2014-2020; Madankollu, għall-Qorti ma kienx ċar matul il-perijodu kopert mill-awditu sa liema punt il-kundizzjonalitajiet ex ante kienu wasslu għal bidliet effettivi fuq il-post;
 - Il-Kummissjoni ma użatx il-possibbiltà li tissospendi l-pagamenti fl-adozzjoni tal-programm ta' kundizzjonalitajiet mhux sodisfatti jew fil-każ li ma jitlestewx il-pjanijiet ta' azzjoni;
 - Madwar nofs il-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Istati Membri li jissodisfaw kundizzjonalitajiet ex ante ma ġewx rappurtati bħala lesti mill-Istati Membri sa tmiem l-2016;

b) Riżerva għall-prestazzjoni

- Il-qafas u r-riżerva ta' prestazzjoni x'aktarx mhux ser joħolqu riallokazzjoni sinifikanti ta' nfiq fuq il-koeżjoni matul il-perijodu 2014-2020 għal programmi bi prestazzjoni aħjar, u r-riżerva għall-prestazzjoni ma tipprovdix wisq incensiv għal orjentazzjoni aħjar tar-riżultati tal-Programmi Operazzjonali peress li hija fil-bieċa l-kbira bbażata fuq l-infiq u r-riżultati;
- Is-sospensjonijiet u l-korrezzjonijiet finanzjarji eżistenti għal nuqqas ta' prestazzjoni huma soġġetti għal kundizzjonijiet restrittivi u għalhekk mhux probabbli li jiġu applikati fil-prattika;

(4) JIRREFERI għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ta' April 2017 dwar il-Valur Miżjud tal-Kundizzjonalitajiet Ex ante¹, ir-Rapport Strateġiku tal-Kummissjoni tal-2017 dwar l-implimentazzjoni tal-Fondi tal-FSI², u JINNOTA li dawn id-dokumenti u data aktar reċenti juru stampa aktar pożittiva tal-issodisfar u l-effettività ta' kundizzjonalitajiet ex ante;

(5) JINNOTA li fit-tweġibiet tagħha għas-sejbiet tar-Rapport tal-Qorti, il-Kummissjoni tagħti spjegazzjonijiet tar-raġunament tal-kundizzjonalità ex ante, il-qafas ta' prestazzjoni u l-mekkaniżmi ta' riżerva; b'mod partikolari, il-Kummissjoni

- a) tiġbed l-attenzjoni għall-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas u r-riżerva ta' prestazzjoni bħala għodod li jappoġġaw l-orjentazzjoni tar-riżultati fi ħdan loġika b'saħħitha ta' intervent tal-programmi³, u
- b) tfakkar li l-kundizzjonalitajiet ex ante introduċew rekwiżiti u kundizzjonijiet minimi biex itejbu l-qafas tal-investiment u l-effettività u l-effiċjenza tal-infiq tal-Fondi tal-FSI⁴;

¹ Dok. 7956/17.

² Dok. 15788/17 + ADD 1.

³ Ara t-Tweġibiet tal-Kummissjoni fil-punti V., 72 u 104 tar-Rapport tal-Qorti.

⁴ Ara t-Tweġibiet tal-Kummissjoni fil-punt 39 tar-Rapport tal-Qorti.

- (6) IFAKKAR fil-pożizzjonijiet tiegħu li esprima f'konklużjonijiet tal-Kunsill ta' qabel dwar l-istrumenti tal-kundizzjonalitajiet ex ante u l-qafas ta' prestazzjoni, introdotti għall-ewwel darba fil-Fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-perijodu 2014-2020⁵;
- (7) ITENNI l-appell tiegħu lill-Kummissjoni minn Novembru 2016⁶ biex tikkunsidra li tuża elementi ġodda tal-Fondi tal-FSI bħala eżempju għal politiki oħra tal-UE ffinanzjati mill-baġit tal-UE;

Kundizzjonalitajiet ex ante

- (8) JIEĦU NOTA li skont ir-Rapport Strateġiku tal-2017 tal-Kummissjoni⁷, f'Novembru 2017, 97 % tal-kundizzjonalitajiet ex ante kienu ġew sodisfatti mill-Istati Membri, u b'hekk jonqos tassew ftit li għad iridu jiġu sodisfatti;
- (9) IFAKKAR li l-issodisfar ta' kundizzjonalitajiet ex ante fil-bidu tal-perijodu tal-programm 2014-2020 kien eżerċizzju li ħa l-ħin u r-riżorsi għal xi Stati Membri;
- (10) JISSOTTOLINJA li skont l-Art. 19(2) tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni⁸, l-Istati Membri kienu obbligati jirrappurtaw dwar l-issodisfar ta' kundizzjonalitajiet ex ante fir-rapporti ta' implimentazzjoni annwali jew ir-rapport ta' progress tagħhom fl-2017 biss, u mhux sa tmiem l-2016;

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Riżultati u l-Elementi Ġodda tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej tas-16 ta' Novembru 2016 (dok. 14542/16, p. 8-9); Konklużjonijiet tal-Kunsill Lejn Politika ta' Koeżjoni iktar effettiva, rilevanti u viżibbli għaċ-ċittadini tagħna (dok. 8463/17, p. 4); Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sinerġiji u Simplifikazzjoni għall-Politika ta' Koeżjoni wara l-2020 tal-15 ta' Novembru 2017 (dok. 14263/17, p. 6).

⁶ Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Riżultati u l-Elementi Ġodda tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej tas-16 ta' Novembru 2016 (dok. 14542/16, p. 7).

⁷ Dok. 15788/17, p. 12.

⁸ Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

- (11) IQIS li, fuq il-bażi ta' esperjenzi reċenti tal-Istati Membri u s-sejbiet tal-Kummissjoni, il-kundizzjonalitajiet ex ante s'issa wrew il-valur miżjud tagħhom biex b'mod effettiv jistimulaw riformi u jtejb u l-ambjent tal-investiment għall-politika ta' koeżjoni;
- (12) JIKKUNSIDRA li l-istrument ta' kundizzjonalitajiet ex ante għandu jinżamm wara l-2020, iżda għandu jiġi ssimplifikat aktar;
- (13) JISĦAQ li, fil-kuntest tar-rakkomandazzjoni 1a) tal-Qorti, il-Kummissjoni għandha, fit-tħejjija tal-leġislazzjoni għall-politika ta' koeżjoni wara l-2020, terġa' tivvaluta r-rilevanza, il-proporzjonalità u s-siwi ta' kull waħda mill-kundizzjonalitajiet ex ante, telimina d-duplikazzjoni u żżomm biss dawk il-kundizzjonalitajiet li jistgħu ġenwinament iħallu impatt fuq il-kisba effettiva tal-għanijiet tal-politika ta' koeżjoni;
- (14) JISĦAQ li, fil-kuntest tar-rakkomandazzjoni 1b) tal-Qorti, il-Kummissjoni għandha tesplora kif ir-rwol tal-kundizzjonalità ex ante fl-implimentazzjoni ta' riformi rilevanti jista' jittejjeb għall-perijodu wara l-2020; IFAKKAR fil-pożizzjoni tiegħu stipulata fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2016⁹ li għandu jkun hemm aktar konsistenza fil-ġejjieni bejn diversi miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi tal-FSI mal-governanza ekonomika, abbażi tat-tagħlimiet meħuda mill-introduzzjoni ta' kundizzjonalitajiet ex ante;
- (15) JITLOB lill-Istati Membri kkonċernati u lill-Kummissjoni biex jagħmlu l-aħjar sforzi biex jiżguraw li l-ftit kundizzjonalitajiet ex ante mhux sodisfatti li fadal jiġu sodisfatti mingħajr dewmien;

Riżerva għall-prestazzjoni

- (16) JIDDISPJAĊIĦ li l-Qorti kkonċentrat biss fuq il-ġestjoni tar-riżerva ta' prestazzjoni u ma koprietx l-effetti tal-ħolqien tal-qafas ta' prestazzjoni u t-tagħlimiet meħuda minnu;

⁹ Dok. 14542/16, p. 9.

- (17) JINNOTA li r-riżerva ta' prestazzjoni bħala strument obbligatorju ġiet introdotta għall-perijodu 2014-2020 bħala wieħed mill-elementi tal-orjentazzjoni tar-riżultati l-iktar biex tistimula l-progress fl-implimentazzjoni u b'hekk tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-programmi;
- (18) IFAKKAR li skont l-Art. 21 u 22 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, l-analiżi tal-prestazzjoni u l-allokazzjoni tar-riżerva ta' prestazzjoni għandhom isiru fuq il-bażi tal-informazzjoni u l-valutazzjonijiet ippreżentati fir-rapport ta' implimentazzjoni annwali mressaq mill-Istati Membri fis-sena 2019;
- (19) IQIS għalhekk li għandha ssir valutazzjoni komprensiva tar-riżerva ta' prestazzjoni wara l-infurzar tagħha fl-2019, għax fl-istadju attwali ta' implimentazzjoni għadu diffiċli li tiġi vvalutata l-effettività ta' dan l-istrument u kull konklużjoni finali f'dan ir-rigward tkun prematura;
- (20) IQIS madankollu li, sakemm issir din il-valutazzjoni komprensiva tar-riżerva ta' prestazzjoni, kull żvilupp futur tal-qafas ta' prestazzjoni u l-mekkaniżmi ta' riżerva fil-perijodu wara l-2020 għandu jwassalhom biex jitfasslu bħala mekkaniżmi aktar ibbażati fuq l-inċentiv u elementi ta' sanzjonar għandhom jiġu applikati biss bħala l-aħħar soluzzjoni;
- (21) IQIS li, fid-dawl tar-rakkomandazzjoni 2) tal-Qorti, kull strument ta' prestazzjoni wara l-2020 għandu jqis il-proporzjonalità, l-eżistenza ta' dewmien bejn l-interventi u l-materjalizzazzjoni tar-riżultati.
-